

Kawża C-427/05

Agenzia delle Entrate — Ufficio di Genova 1

vs

Porto Antico di Genova SpA

(talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-
Commissione tributaria regionale di Genova)

“Fondi Strutturali — Regolament (KEE) Nru 4253/88 — It-tieni subparagrafu ta’ l-Artikolu 21(3) — Projbizzjoni ta’ riduzzjoni — Kalkolu tad-dħul taxxabbli — Teħid in kunsiderazzjoni ta’ l-għotjiet Komunitarji rċevuti”

Konklużjonijiet ta’ l-Avukat Ġenerali J. Mazák, ippreżentati fit-8 ta’ Mejju 2007 I - 9305
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tal-25 ta’ Ottubru 2007 . . . I - 9314

Sommarju tas-sentenza

Koeżjoni ekonomika u soċjali — Għajjnuna strutturali — Finanzjament Komunitarju — Għoti ta’ għajjnuna finanzjarja

(Regolament tal-Kunsill Nru 4253/88, kif emendat permezz tar-Regolament Nru 2082/93, it-tieni subparagrafu ta’ l-Artikolu 21(3))

I - 9303

It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Nru 4253/88 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi implementat ir-Regolament Nru 2052/88 fir-rigward tal-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti, minn naħa waħda, bejniethom u ma' l-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-istrumenti finanzjarji l-oħrajn li jeżistu, min-naħa l-oħra, kif emendat permezz tar-Regolament Nru 2082/93, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali li tinkludi l-għotjiet magħmula mill-Fondi Strutturali Komunitarji fid-determinazzjoni tad-dħul taxxabbli. Fil-fatt, ir-riduzzjoni jew iż-żamma li għandha bħala effett li tnaqqas l-ammont ta' l-għotjiet Komunitarji rċevut mill-benefiċjarju, iżda li m'għandhiex rabta diretta u inseparabbli ma' dawn ta' l-aħħar, ma tfixkilx l-applikazzjoni effettiva tal-mekaniżmu stabbilit mill-imsemmi Regolament Nru 4253/88.

Barra minn dan, id-differenzi li jeżistu bejn il-benefiċjarji tal-Fondi Strutturali, minħabba t-tassazzjoni ta' l-ammont ta' l-għajjnuna Komunitarja b'rati differenti fl-Istati Membri, ma jstgħux jiġu kkunsidrati li huma ta' natura li jiksru l-prinċipju tat-trattament ugwali. Fil-fatt, sabiex dan iseħħ, ikun neċessarju li s-sitwazzjoni tal-benefiċjarji ta' l-għajjnuna Komunitarja tkun komparabbli. Dan ma jstax ikun il-każ billi dawn ta' l-aħħar jirċievu tali għajjnuna f'kuntest soċjoekonomiku speċifiku għal kull Stat Membru u billi, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni Komunitarja fil-qasam tad-determinazzjoni tad-dħul taxxabbli, għadhom jeżistu differenzi oġġettivi f'dan il-qasam bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri, u għalhekk inevitabbilment jinħolqu tali differenzi bejn l-imsemija benefiċjarji.

(ara l-punti 18-21 u d-dispożittiv)